MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 437/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Simon Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-1 ta' Settembru, 2009 u/jew f'xi data li tigi qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel denunzja, dikjarazzjoni jew ta taghrif li kien jaf li mhux korrett u/jew qarrieqi f'rigward materjali w dan bi ksur ta' artikolu 77(b) ta' l-Att XXIII dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

2. fl-istess data, zmien u cirkostanzi ghamel u/jew ghin sabiex jigi ffalsifikat dokument li jehtieg li jinzamm taht dan l-Att u dan bi ksur ta’ artikolu 77(c) ta’ l-imsemmi Att;
3. uza fattura jew dokument dwar provvista li turi li ghandha tithallas taxxa fuq dik il-provvista meta kien jaf li ma ghandha tithallas ebda taxxa, jew li t-taxxa li ghandha tithallas kellha tkun anqas minn dik murija, jew zied ma’ prezz u/jew inkluda fi prezz ammont li juri li jirraprezenta xi taxxa li fil-fatt ma’ kienx dovut jew li kien oghla mit-taxxa dovuta w dan bi ksur ta’ artikolu 77(g) ta’ l-imsemmi Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 77(b), 77(c), 77(g) u 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu multa ta’ elf u erba’ mitt Euro (€1400) u multa addizzjonali ta’ hmistax il-elf mitejn erbgha w hamsin Euro w ghoxrin centezmu (€15, 254.20) rapprezentanti ghaxar darbiet it-taxxa perikolata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w b’hekk ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija fl-appellant. Illi jirrizulta car mill-provi prodotti fil-kawza li l-appellant qatt ma kien jaf x’kien qed jigri u kien Lino Grech li ha hsieb u baghat l-ircevuti lid-Dipartiment tal-VAT. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha bilfors tillibera lil-appellant mill-akkuzi mressqa kontra tieghu w se mai tordna li l-proceduri jittiehdu kontra persuna ohra w cioe’ l-persuna li hadet hsieb din il-kwistjoni. Tant il-haga kienet cara li l-appellant

ma kellux ghalfejn igib ebda prova ohra biex jiskolpa lilu nnifsu minn dan.  Illi jirrizulta bic-car li ma kienx l-appellant li ffalsifika l-ircevuta biex tigi taqra EUR 13,000 minflok EUR 3,000 u lanqas kien l-appellant li baghat dina l-ircevuta ffalsifikata lid-Dipartiment tal-VAT.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li nghad fl-ewwel aggravju, u f’kaz li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Qorti ghamlet zball matematiku fil-komputazzjoni tal-multa addizjonali w dana peress li mponiet multa addizjonali ta’ EUR 15, 254.20 meta l-multa addizjonali kellha tkun ta’ EUR 1525.42.  Illi jidher li l-Ewwel Qorti kkomputat l-ammont li hemm imsemmi fic-citazzjoni ghal ghaxar darbiet u ghalhekk gie li l-multa addizjonali hija ta’ iktar minn ghaxar darbiet it-taxxa perikolata w dana peress li l-ammont imsemmi fic-citazzjoni huwa diga’ ghaxar darbiet it-taxxa perikolata.  Illi jidher li s-somma li kellha timponi l-Qorti hija ta’ EUR 1525.42.

Semghet ix-xhieda ta’ Caroline Arapa, ta’ Conrad Grima w ta’ Paul Scicluna fis-seduta tal-lum.

Rat il-verbal li bih Dr. Gatt ghall-appellant iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-aggravji kollha dwar il-htija kif ukoll ghall-aggravju dwar il-multa ta’ €1400 pero’ kien qed izomm ferm il-kontestazzjoni dwar il-komputazzjoni dwar il-multa ta’ €15,254.20 billi din ma rrizultatx mix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat

Illi dwar il-mertu ma hemmx iktar x’wiehed jinghad stante l-verbal li sar mill-appellant fis-seduta tal-lum.

L-unika kontestazzjoni li fadal hi dwar il-komputazzjoni tal-multa addizjonali.

Illi mix-xhieda ta’ Paul Scicluna moghtija fis-seduta tal-lum jirrizulta li din it-taxxa perikolata nharget b’dan il-mod :-

Instab fl-ewwel lok li d-differenza bejn l-invoice originali genwina w dik manifestament falsifikata kienet is-somma ta' ghaxart elef Euro.  Meta minn dawn l-ghaxart elef Euro johrog il-"VAT element" jigi illi dana huwa ta' €1525.42. Ghalhekk it-taxxa perikolata kienet ta' dan l-ammont u dan l-ammont irid jigi multiplikat b'ghaxra skond id-dispozizzjoni tal-ligi li tipprovdi ghal din il-multa addizjonali.  B'semplici somma matematika r-rizultat ikun dak ta' €15,254.20 kif jidher indikat fic-citazzjoni w ghalhekk ma jidhirx li hemm lok ta' xi varjazzjoni ta' din il-multa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------